**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Patrick Cassar**

**Kumpilazzjoni 105/2018**

**Illum 26 ta' Marzu 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Patrick Cassar** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 499279 (M) billi huwa akkuzat talli:

1. Ikkommetta serq ta diversi oggetti ghad-dannu ta' Stephen Scicluna u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin, li mhux izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) bi ksur tal-art. 263, 267, 270, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor , mobbli jew immobbli ghad-detriment ta' Stephen Scicluna u/jew persuni ohra, fejn l-ammont tal-hsara ma jiskorrix elfejn u hames mitt ewro (€2500) izda hu izjed minn mitejn u

hamsin ewro (€250) bi ksur tal-art. 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Irrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra, mnaqqsa jew mibdula u dan ai termini tal- Art. 49,50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikolu 40, 50, 263, 267, 270, 289, u 325 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil imputat Patrick Cassar hati u ai termini ta' Artiklu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mill-lum.

In oltre li fi zmien sena jhallas l-ispejjez ta elf u tlett mitt ewro (€1300) u dan bl-ircevuti ufficcjali.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**